



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Marzu 2022  
(OR. en)

7169/22

LIMITE

CORLX 277  
CFSP/PESC 372  
EPF AM 19  
CSDP/PSDC 138  
CSC 94  
EUMC 84  
COPS 115  
POLMIL 62

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...**

**ta'...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza  
taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi  
għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari,  
imfassla biex iwasslu forza letali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 41(2)  
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-  
Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/338<sup>1</sup> tistabbilixxi ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 450 000 000 maħsub biex ikopri l-provvisti lill-Forzi Armati Ukreni.
- (2) Fid-dawl tal-konflitt armat li għaddej fit-territorju Ukren, jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiżdied b'EUR 450 000 000 addizzjonali u d-durata tal-miżura ta' assistenza tiġi estiża bi 12-il xahar.
- (3) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/338 tat-28 ta' Frar 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 60, 28.2.2022, p. 1).

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun ta' 36 xahar mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' EUR 900 000 000.";

(3) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 900 000 000. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġit emendatorju tal-2022 li tikkorrispondi għall-Miżura ta' Assistenza.";

(4) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. In-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2022 u sa data li għandha tiġi ddeterminata mill-Kunsill. Mill-inqas 50 fil-mija tal-ammont ta' referenza finanzjarja għandu jkopri n-nefqa mġarrba mill-11 ta' Marzu 2022 'il quddiem.";

(5) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tranżitu ta' tagħmir militari, inkluż il-persunal li jkun jakkumpanjah, mit-territorji tagħhom, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom, konsistenti mal-Artikolu 56(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---